



## Ġabra tal-ġurisprudenza

**Kawża C-118/22**

**NG**

**vs**

**Direktor na Glavna direksia “Natsjonalna politsia” pri Ministerstvo na vatrešnite raboti - Sofia**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Varhoven administrativen sad)

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-30 ta' Jannar 2024**

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni ta’ persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali għal finijiet tal-ġlieda kontra r-reati kriminali – Direttiva (UE) 2016/680 – Artikolu 4(1)(c) u (e) – Minimizzazzjoni tad-data – Limitazzjoni tal-ħżin – Artikolu 5 – Termini xierqa għat-tħassir jew għall-verifika regolari tal-ħtieġa tal-ħżin – Artikolu 10 – Ipproċessar ta’ data bijometrika u ta’ data ġenetika – Neċessità assoluta – Artikolu 16(2) u (3) – Dritt għat-tħassir – Limitazzjoni tal-ipproċessar – Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Persuna fiżika li tkun ġiet ikkundannata b’sentenza definittiva u sussegwentement irriabilitata – Terminu ta’ ħżin tad-data sal-mewt – Assenza ta’ dritt għat-tħassir jew għal-limitazzjoni tal-ipproċessar – Proporzjonalità”

*Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Protezzjoni ta’ persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali fil-qasam kriminali – Direttiva 2016/680 – Ħżin ta’ data personali, b’mod partikolari ta’ data bijometrika u ġenetika, li tikkonċerna l-persuni kkundannati definittivament għal reat kriminali intenzjonali li jaqa’ taħt l-azzjoni pubblika – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi tali ħżin sal-mewt tas-suġġett tad-data, inkluż fil-każ ta’ riabilitazzjoni ta’ din il-persuna – Assenza ta’ obbligu ta’ verifika regolari tal-ħtieġa ta’ dan il-ħżin – Assenza ta’ dritt għat-tħassir jew għal-limitazzjoni tal-ipproċessar – Inammissibbiltà*

*(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikoli 7, 8 u 52(1); Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2016/680, premessa 26, u Artikoli 4(1)(c) u (e), 5, 10, 13(2)(b), u 16(2) u (3))*

(ara l-punti 39, 41-45, 48-52, 59-61, 66-72 u d-dispożittiv)

### **Sunt**

Adita b’talba għal deċiżjoni preliminari mill-Varhoven administrativen sad (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Bulgarija), l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni dwar il-limiti ta’ żmien tal-ħżin, għal finijiet ta’ ġlieda kontra r-reati kriminali, tad-data personali ta’ persuni li kienu s-suġġett ta’ kundanna kriminali definittiva, fir-rigward

tad-Direttiva 2016/680<sup>1</sup>.

NG kien suġġett għal reġistrazzjoni fir-reġistru tal-pulizija fil-kuntest ta' proċedura istruttoria minħabba xhieda falza Fi tmiem din il-proċedura, huwa tqiegħed taħt akkuża u, sussegwentement, ġie misjub ħati għal dan ir-reat u kkundannat għal piena ta' probation għal sena. Wara li skont din il-piena, huwa bbenefika minn riabilitazzjoni.

Fuq il-bażi ta' din ir-riabilitazzjoni, NG ressaq talba għat-tħassir tar-reġistrazzjoni tiegħu fir-reġistru tal-pulizija. Din it-talba ġiet miċħuda minħabba li kundanna kriminali definittiva, inkluż fil-każ ta' riabilitazzjoni, ma tagħmilx parti mill-motivi għal tali tħassir, elenkati b'mod eżawrjenti mid-dritt nazzjonali. Peress li r-rikors ippreżentat minn NG kontra din id-deċiżjoni ġie miċħud, NG ippreżenta appell quddiem il-qorti tar-rinviju, billi sostna li mid-Direttiva 2016/680 jirriżulta li l-ħżin ta' data personali ma jistax ikun għal żmien illimitat. Issa, skont NG, dan huwa *de facto* l-każ meta s-suġġett tad-data ma jista' qatt jikseb it-tħassir ta' tali data miġbura b'rabta mar-reat kriminali li għalih huwa ġie kkundannat b'mod definittiv, inkluż wara li jkun skonta l-piena tiegħu u jkun ibbenefika minn riabilitazzjoni.

Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Qorti tal-Ġustizzja ġiet adita, b'talba għal deċiżjoni preliminari, bil-kwistjoni dwar jekk id-Direttiva 2016/680<sup>2</sup>, moqrija fid-dawl tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea<sup>3</sup>, tipprekludix leġislazzjoni nazzjonali li ttipprevedi l-ħżin, mill-awtoritajiet tal-pulizija, għal finijiet ta' prevenzjoni u ta' identifikazzjoni tar-reati kriminali, ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni f'dan ir-rigward jew ta' eżekuzzjoni ta' sanzjonijiet kriminali, ta' data personali, b'mod partikolari ta' data biometrika u ġenetika, li tikkonċerna persuni li kienu s-suġġett ta' kundanna kriminali definittiva għal reat kriminali intenzjonali suġġett għal azzjoni pubblika, u dan sal-mewt tas-suġġett tad-data, inkluż fil-każ ta' riabilitazzjoni tiegħu, mingħajr ma jiġi rrikonoxxut lilu d-dritt għat-tħassir tal-imsemmija data jew, jekk ikun il-każ, għal-limitazzjoni tal-ipproċessar tagħha.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tat risposta fl-affermattiv għal din id-domanda.

### *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Inizjalment, il-Qorti tal-Ġustizzja tindika li d-Direttiva 2016/680 tiffissa qafas ġenerali li jippermetti li jiġi ggarantit, fost oħrajn, li l-ħżin ta' data personali u, b'mod iktar partikolari, it-tul tal-ħżin tagħha, ikun limitat għal dak li jirriżulta li huwa neċessarju fid-dawl tal-għanijiet li għalihom tinħażen din id-data, filwaqt li jħallu lill-Istati Membri l-kompitu li jiddeterminaw, fl-osservanza ta' dan il-qafas, is-sitwazzjonijiet konkreti li fihom il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tas-suġġett tad-data tirrikjedi t-tħassir ta' din id-data u l-mument meta dan għandu jseħħ. Min-naħa l-oħra, din id-direttiva ma jirrikjedix li l-Istati Membri jiddefinixxu limiti ta' żmien assoluti għaż-żamma tad-data personali, li kif jiddekorru din id-data jkollha titħassar awtomatikament.

<sup>1</sup> Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU 2016, L 119, p. 89, u r-rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 6).

<sup>2</sup> B'mod iktar partikolari l-Artikolu 4(1)(c) u (e) tad-Direttiva 2016/680 moqri flimkien mal-Artikoli 5 u 10, mal-Artikolu 13(2)(b) kif ukoll mal-Artikolu 16(2) u (3) tagħha.

<sup>3</sup> L-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxu, rispettivament, id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali.

B'mod iktar speċifiku, qabel kollox, l-Artikolu 4(1)(c) tad-Direttiva 2016/680 jistabbilixxi l-prinċipju tal-“minimizzazzjoni tad-data” li skontu l-Istati Membri għandhom jipprevedu li d-data personali tkun adegwata, rilevanti, u mhux eċċessiva fir-rigward tal-finijiet li għalih tiġi pproċessata. Barra minn hekk, bis-saħħa tal-Artikolu 4(1)(e) ta' din id-direttiva, l-Istati Membri għandhom jipprevedu li din id-data tinħażen taħt forma li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-data għal tul li ma jeċċedix dak li huwa neċessarju fir-rigward tal-għanijiet li għalihom tiġi pproċessata. F'dan il-kuntest, l-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva timponi lill-Istati Membri jipprevedu b'mod partikolari l-iffissar ta' termini xierqa għat-tħassir tad-data personali jew għall-verifika regolari tal-ħtieġa li tali data tinħażen. In-natura “xierqa” ta' dawn it-termini tirrikjedi, fi kwalunkwe każ, li din tippermetti t-tħassir tad-data kkonċernata meta l-ħżin tagħha ma jkunx iktar neċessarju fir-rigward tal-għanijiet li ġġustifikaw l-ipproċessar.

Sussegwentement, l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2016/680, li jirregola l-ipproċessar ta' kategoriji speċifiċi ta' data personali, b'mod partikolari d-data bijometrika u ġenetika, jawtorizza l-ipproċessar ta' tali data “biss meta verament ikun meħtieġ”.

Fl-aħħar nett, l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2016/680 jintroduċi dritt għat-tħassir tad-data personali meta l-ipproċessar jikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet adottati bis-saħħa ta' din id-direttiva<sup>4</sup> jew meta din id-data jkollha titħassar biex jiġi osservat obbligu legali li huwa suġġett il-kontrollur<sup>5</sup>. Minn dan jirriżulta li d-dritt għat-tħassir jista' jiġi eżerċitat, b'mod partikolari, meta l-ħżin tad-data personali inkwistjoni ma jkunx neċessarju jew ma jkunx iżjed neċessarju fir-rigward tal-għanijiet tal-ipproċessar tagħha jew meta dan it-tħassir ikun meħtieġ biex jiġi osservat it-terminu ffissat, għal dan il-għan, mid-dritt nazzjonali.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li, f'dan il-każ, id-data personali li tinsab fir-reġistru tal-pulizija u li tirrigwarda l-persuni li jkunu suġġetti għal prosekuzzjoni kriminali minħabba reat intenzjonali suġġett għall-azzjoni pubblika tinħażen biss għal finijiet ta' investigazzjoni operattiva u, b'mod iktar partikolari, bil-għan li tiġi pparagunata ma' data oħra miġbura waqt investigazzjonijiet dwar reati oħra. F'dan ir-rigward, madankollu, il-kunċett ta' “reat kriminali intenzjonali suġġett għall-azzjoni pubblika” huwa ta' natura partikolarment ġenerali u jista' japplika għal numru kbir ta' reati kriminali, indipendentement min-natura u l-gravità tagħhom. Issa, il-persuni kollha kkundannati b'mod definittiv għal tali reat ma jippreżentawx l-istess livell ta' riskju li jkunu involuti f'reati kriminali oħra u li jiġġustifika tul uniformi ta' ħżin tad-data li tikkonċernahom. B'hekk, f'ċerti każijiet, fid-dawl tal-fatturi bħan-natura u l-gravità tal-ksur imwettaq jew fl-assenza ta' reċidiva, ir-riskju rrappreżentat mill-persuna kkundannata ma jiġġustifikax neċessarjament iż-żamma sal-mewt tagħha tad-data li tikkonċernaha fir-reġistru nazzjonali tal-pulizija previst għal dan il-għan inkwantu ma jkunx jeżisti iżjed in-ness neċessarju bejn id-data maħżuna u l-għan li għandu jintlaħaq. Għalhekk, f'każijiet bħal dawn, il-ħżin tagħha ma huwiex konformi mal-prinċipju ta' minimizzazzjoni tad-data u jeċċedi t-tul neċessarju fir-rigward tal-għanijiet li għalihom tiġi pproċessata.

Sussegwentement, sa fejn il-ħżin tad-data personali fir-reġistru tal-pulizija inkwistjoni jinkludi data bijometrika u ġenetika, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li, huwa minnu li l-ħżin ta' tali data ta' persuni li diġà kienu s-suġġett ta' kundanna kriminali definittiva, inkluż sal-mewt ta' dawn il-persuni, jista' jkun ta' natura ta' neċessità assoluta<sup>6</sup>, b'mod partikolari sabiex tkun tista' ssir

<sup>4</sup> B'mod iktar partikolari l-Artikoli 4, 8 jew 10.

<sup>5</sup> Madankollu, b'applikazzjoni tal-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2016/680, id-dritt nazzjonali għandu jipprevedi li l-kontrollur jillimita l-ipproċessar ta' din id-data minflok ma jipproċedi għat-tħassir tagħha meta s-suġġett tad-data jikkontesta l-eżattezza tad-data personali u ma jstax jiġi dterminat jekk din id-data hijiex eżatta jew le, jew meta d-data personali għandha tinħażen għal finijiet probatorji.

<sup>6</sup> Ara l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2016/680.

il-verifika tal-involvement possibbli tagħhom f'reati kriminali oħra u, b'hekk, biex l-awturi ta' dawn ir-reati jkunu suġġetti għal prosekuzzjoni u jiġu kkundannati. Madankollu, il-ħżin ta' din id-data jissodisfa tali rekwiżit biss jekk jieħu inkunsiderazzjoni n-natura u l-gravità tal-ksur li wassal għall-kundanna kriminali definittiva, jew ċirkustanzi oħra bħall-kuntest partikolari li fih twettaq dan il-ksur, ir-rabta eventwali tiegħu ma' proċeduri oħra fis-seħħ jew ukoll il-preċedenti jew il-profil tal-persuna kkundannata. Għalhekk, meta, kif jipprevedi d-dritt nazzjonali fi-kawża prinċipali, id-data bijometrika u ġenetika tas-suġġetti tad-data rreġistrati fir-reġistru tal-pulizija tinħażen sad-data tal-mewt ta' dawn il-persuni fil-każ ta' kundanna kriminali definittiva tagħhom, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-ħżin ikun ta' natura eċċessivament wiesgħa fir-rigward tal-għanijiet li għalihom din id-data tiġi pproċessata.

Finalment, fir-rigward, minn naħa, tal-obbligu li jiġu previsti termini xierqa<sup>7</sup>, terminu jista' jitqies li huwa "xieraq", b'mod partikolari għal dak li jikkonċerna l-ħżin tad-data bijometrika u ġenetika ta' kull persuna kkundannata definittivament għal reat kriminali intenzjonali suġġett għall-azzjoni pubblika, biss jekk jieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti b'mod li tali tul ta' ħżin isir neċessarju. Konsegwentement, anki jekk ir-riferiment għall-mewt tas-suġġett tad-data jista' jikkostitwixxi "terminu" għat-tħassir tad-data maħżuna, tali terminu jista' jiġi kkunsidrat bħala "xieraq" biss f'ċirkustanzi partikolari li jiġġustifikaw dan debitament. Issa, dan ma huwiex manifestament il-każ meta dan ikun applikabbli b'mod ġenerali u mingħajr distinzjoni għal kull persuna kkundannata b'mod definittiv. Huwa minnu li l-Istati Membri għandhom il-kompitu li jiddeċiedu jekk għandhomx jiġu ffixxati termini għat-tħassir tal-imsemmija data jew għall-verifika regolari tal-ħtieġa li din tinħażen<sup>8</sup>. Madankollu, in-natura "xierqa" tat-termini għal tali verifika regolari tirrikjedi li dawn jippermettu li d-data inkwistjoni titħassar fil-każ li l-ħżin tagħha ma hijiex iktar neċessarja. Issa, tali rekwiżit ma jiġix issodisfatt meta l-uniku każ fejn tali tħassir huwa previst huwa meta jseħħ il-mewt tas-suġġett tad-data.

Min-naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2016/680, li jipprevedu garanziji dwar il-kundizzjonijiet relatati mad-drittijiet għat-tħassir u għal-limitazzjoni tal-ipproċessar, jipprekludu wkoll leġislazzjoni nazzjonali li ma tippermettix l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet mill-persuna kkundannata b'mod definittiv għal reat kriminali intenzjonali suġġett għall-azzjoni pubblika.

<sup>7</sup> Ara l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2016/680.

<sup>8</sup> Ara l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2016/680.